# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002.**

**Kawza Numru: 3**

**Citaz. Nru. 34/99GV**

Doc. 196-02

**Norbert Pace u Paul Aquilina fil-kwalita' taghhom ta' Sindku u Segretarju rispettivament ghan nom u in rappresentenza tal-Kunsill Lokali Attard.**

**vs**

**Maltacom p.l.c u Francesco Fenech Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permess taghha gie premess illi qabel ma l-Kunsill Lokali Attard beda xoghol ta' kostruzzjoni ta' bankini godda gewwa Triq Nutar Zarb, Attard, kien sar ftehim bejn il-Kunsill u l-Maltacom p.l.c. illi l-kuntrattur inkarigat mill-Kunsill, is-socjeta' konvenuta Francesco Fenech Limited, tezegwixxi x-xogholijiet necessarji sabiex jigi mghoddi sistema

gdida ta' pajpijiet ghal-linji tat-telefon minn taht il-bankina msemmija b'dan illi l-Maltacom p.l.c. tirrifondi lill-Kunsill attur l-ispejjez relativi li hija tkun hallset lill-kuntrattur.

Premess illi skond il-kont mahrug mis-socjeta' konvenuta Francesco Fenech Limited l-ispiza relattiva ghax-xogholijiet ezegwiti fl-interess tal-Maltacom p.l.c. ammontat ghas-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u tletin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,732.60) rapprezentanti in kwantu ghal Lm338.10 prezz ta' provvista ta' pajpijiet, in kwantu ghal LmI,341.90 prezz ta' "*strip concrete*" madwar l-istess pajpijiet, in kwantu ghal Lm897.60 prezz ta' xoghol ta' thaffir u tqeghied ta' l-istess pajpijiet u in kwantu ghal Lm15,500 prezz ta' provvista u tqeghied ta' "*telephone covers*", liema somma l-Kunsill attur hallas lis-socjeta' konvenuta Francesco Fenech Limited.

Premess illi *nonostante* li l-Maltacom p.l.c. giet interpellata sabiex thallas l-imsemmija somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u tletin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,732.60) hija qed tirrifjuta bil-pretest li l-ammont huwa eccessiv.

Premess illi l-Kunsill Lokali Attard inkariga lil Perit Robert Fenech biex jiccertifika l-imsemmija xogholijiet, li min-naha tieghu irrilaxxja certifikat datat 25 ta' Settembru, 1998 fejn jiccertifika illi l-prezz imhallas mill-Kunsill ghax-xogholijiet fuq imsemmija huwa ragonevoli (Dok. A).

Premess illi *nonostante* li l-Maltacom p.l.c. giet moghtija dan ic-certifikat baqghet tirrifjuta li thallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u tletin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,732.60).

Ghalhekk l-atturi nomine talbu lil din il-Qorti:

1. Tillikwida l-valur tax-xogholijiet fuq imsemmija li gew ezegwiti mis--socjeta’ konvenuta Francesco Fenech Limited gewwa Triq Nutar Zarb, Attard, fl-interess tas-socjeta’ konvenuta Maltacom p.l.c.

2. Tikkundanna lil Maltacom p.l.c. thallas lill-Kunsill Lokali Attard is-somma hekk likwidata.

3. Fl-eventwalita’ illi l-valur tax-xogholijiet hekk likwidat huwa anqas mis--somma ta’ elfejn, seba’ mija u tnejn u tletin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,732.60) imhallsa mill-Kunsill lis-socjeta’ konvenuta Francesco Fenech Limited ghall-istess xogholijiet, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Francesco Fenech Limited tirrifondi lill-Kunsill Lokali Attard l-ammont imhallas in eccess, previa d-dikjarazzjoni lli tali eccess thallas indebitament.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta’ Ottubru, 1998 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi nomine a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maltacom p.l.c a fol. 10 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-ftehim mal-Kunsill Lokali Attard kien fis-sens li fil-kors ta’ bini ta’ bankini godda, l-istess Kunsill kellu jghaddi wkoll sistema ta’ pajpijiet ghal-linji tat-telefon minn taht il-bankini, u l-Maltacom p.l.c thallas lill-

Kunsill Lokali bir-rati li sa dak in-nhar kienet thallas lid-Dipartiment tat-Toroq biex jaghmel l-istess xoghol;

2. Illi l-prezz mitlub mill-Kunsili Lokali Attard kien ferm eccessiv u ghola mir-rati normalment imhallsa mis-socjeta' eccepjenti.

3. Illi s-socjeta' eccepjenti offriet il-hlas bir-rati normali lill-atturi nomine li pero rrifjutawh; ghalhekk is-socjeta' eccepjenti m'ghandhiex tbati spejjez ghal dawn il-proceduri.

4. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Franceso Fenech Limited a fol. 14 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' eccipjenti giet inkarigata esklussivament mill-atturi li accettaw il-kontijiet prezentata minnha tant li hallsuhom u c-certifikaw l-istess kontijiet ragonevoli.

2. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn iz-zewg konvenuti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu lil dina l-Qorti:

1. tillikwida l-valur tax-xogholijiet li gew ezegwiti mis-socjeta’ konvenuta Francesco Fenech Ltd gewwa Triq Nutar Zarb Attard, fl-interess tas-socjeta’ konvenuta Maltacom p.l.c.;
2. tikkundanna lil Maltacom p.l.c thallas lill-Kunsill Lokali Attard is-somma hekk likwidata;
3. fl-eventwalita’ illi l-valur tax-xogholijiet hekk likwidat huwa anqas mis-somma ta’ Lm2,732.60 imhallsa mill-Kunsill lis-socjeta’ konvenuta Francesco Fenech ghall-istess xogholijiet, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Francesco Fenech tirrifondi lill Kunsill Lokali Attard l-ammont imhallas *in eccess*, prevja d-dikjarazzjoni illi tali eccess thallas indebitament.

**ECCEZZJONIJIET**

**Il-konvenuti Maltacom eccepew (a fol. 10)** li l-ftehim mal-Kunsill Lokali Attard kien fis-sens li fil-kors ta’ bini ta’ bankini godda, l-istess Kunsill kellu jghaddi wkoll sistema ta’ pajpijiet ghal linji tat-telefon minn taht il-bankini, u l-Maltacom thallas lill-Kunsill Lokali bir-rati li sa dak in-nhar kienet thallas lid-Dipartiment tat-Toroq biex jaghmel l-istess xoghol;

Illi l-prezz mitlub mill-Kunsill Lokali kien ferm eccessiv u ghola mir-rati normalment imhallsa mis-socjeta’ eccipjenti;

Illi s-socjeta' eccipjenti offriet il-hlas bir-rati normali lill-atturi nomine li pero' rrifjutaw, ghalhekk is-socjeta' eccipjenti m'ghandiex tbati spejjez ghal dawn il-proceduri.

**Il-konvenuti Francesco Fenech Ltd eccepew (a fol. 14):** Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' eccipjenti giet inkarigata esklussivament mill-atturi li accettaw il-kontijiet prezentata minnha tant li hallsuhom u ccertifikaw l-istess kontijiet ragjonevoli. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn iz-zewg konvenuti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Ftehim fuq rati**

Mhux kontestat li fil-fatt ix-xoghol sar mill-konvenuti Fenech li gew imqabbda mill-atturi fl-interess tas-socjeta' konvenuta Maltacom.

Il-konvenuti Maltacom qed jaqblu li sar 300 metru xoghol izda mhux qed jaqblu dwar il-valur tax-xoghol li sar.

Il-konvenuti Maltacom eccepew li huma kellhom ihallsu lill Kunsill Lokali bir-rati li sa dak in-nhar huma kienu jhallsu lid-Dipartiment tat-Toroq biex jaghmel l-istess xoghol. Huma kienu mxew fuq il-premessa li jhallsu l-istess rati li thallas f'cirkostanzi simili lir-Roads Department u anke lill-Kunsilli lokali ohra (ara fol. 71).

Mill-provi prodotti jirrizulta li ma kienx hemm ftehim fuq rati bejn l-atturi u Maltacom. L-atturi kienu ntalbu biex jaghmlu x-xoghol permezz tal-kuntrattur taghhom u Maltacom kellha thallas.

Martin Rizzo xehed li kien attenda laqgha tal-Kunsill (fol. 36) u dwar ir-rati xehed hekk:

*"Jiena ma kontx staqsejt meta ltqajt mal-kunsill x'rata kien qed jiccargja l-kuntrattur taghhom. Jiena ma kontx naf li l-kuntrattur taghhom kien tqabbad b'tender…Ahna rati qatt ma semmejna fil-laghqa. Il-kuntrattur taghna inqabbduh bi procedura ta' tender…. Jiena hadtha li konna ser napplikaw ir-rati tar-roads. Dak in-nhar fil-laqgha tal-kunsill ma ssemmewx ir-rati tar-roads, lanqas saret referenza ghar-rata tar-roads."*

Il-konvenuti Maltacom issottomettew li skond Paul Aquilina, segretarju tal-Kunsill, anke jekk ma ssemmewx rati, fil-fatt kienet saret riferenza mill-bidu nett ghall prezzijiet tal-Maltacom. Paul Aquilina pero' mhux hekk xehed. Hu qal li Maltacom kellhom sistema fejn jippretendu li jhallsu bir-rati li jiffissaw huma, pero' f'dan il-kaz mhux hekk sar billi l-Kunsill kien hareg *tender* ghal kuntrattur u l-prezzijiet tieghu setghu jkunu t-triplu ta' dak li jghidu l-Maltacom (ara fol. 21).

L-atturi ghalhekk imxew fuq ir-rati li kienu ftehemu mal-kuntrattur taghhom u li l-konvenuti Maltacom kienu accettaw li jhallsu.

Il-Perit Robert Fenech xehed li hu ra r-rati kummercjali normali ta' *tenders* ohrajn (fol. 32) u ikkonferma li "*The rates in the bill (fol. 23) are therefore reasonable*" fol. 33. Hu kien ivverifika fuq ir-rati u mhux fuq il-kwantitajiet li ntuzaw.

**Xoghol u materjal uzat**

Dwar il-materjal uzat il-konvenuti Maltacom qed jissottomettu li l-kuntrattur kellu jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' *pipes* u jinghata konkos madwarhom.

Il-Maltacom issottomettiet li kienet ipprovvdiet 49 *pipe* b'xejn u m'ghandiex tigi ccargjata taghhom, ghalhekk ghandhom jitnaqqsu Lm338.10 mill-kont. Huma jikkalkolaw il-*pipes* bil 48c kull metru. Inoltre huma ma jaqblux li nghatat il-kwantita ta' konkos li semmew l-atturi, cioe' 42 metru kubu imma nghataw 11 metru kubu. Barra minn hekk ir-rata ta' Lm3.75 li ccargjaw kienet esagerata u huma jahdmu fuq rata ta' Lm1.14 il-metru. Il-konvenuti ssottomettew finalment li ma kellhomx jigu ccargjata Lm897.60 ghal *labour*, thaffir u tqeghid ta' *pipes* meta t-thaffir kien diga lest.

Dwar il-kalkoli maghmula mill-konvenuti Maltacom (ara xiehda ta' Franco Vella) fuq ir-rati li hadmu fuqhom, il-Qorti tirrileva li dawn huma rrilevanti billi ma giex pruvat li kien sar xi ftehim ma' l-atturi fuq dawn ir-rati. L-istess jinghad ghall-materjal uzat. Il-konvenuti Maltacom ma jistghux issa wara li tlesta x-xoghol jghidu li kieku ghamluh huma kienu juzaw anqas materjal minn kemm uza l-kuntrattur. Il-konvenuti Maltacom messhom ivverifikaw x'kien qed jintuza fuq il-post u mhux wara li sar ix-xoghol.

L-unika haga li l-Qorti hi tal-fehma li Maltacom ghandha dritt ghaliha huwa l-ammont ta' Lm338.10 ghal *pipes* li l-kuntrattur iccargjahom, meta fil-fatt dawn kienu gew provvduti mill-istess Maltacom. Hemm prova li ma gietx kontradetta, u lanqas spjegata mill-Perit Fenech, li Maltacom kienu pprovvdew 49 *pipes* (ara fol. 50) li kienu ta' 6 metri il-wiehed u saru 294

metru, li huma ekwivalenti ghal 6 x 49 = 294. Ghalhekk dana l-ammont ghandu jitnaqqas mill-kont li qed jitolbu l-atturi.

**Talba kontra l-konvenuti Fenech**

Izda l-atturi ghandhom talba ohra cioe' it tielet wahda fejn talbu li fl-eventwalita' illi l-valur tax-xogholijiet hekk likwidat huwa anqas mis-somma ta' Lm2,732.60 imhallsa mill-Kunsill lis-socjeta' konvenuta Francesco Fenech ghall-istess xogholijiet, is-socjeta' konvenuta Francesco Fenech ghandha tirrifondi lill-Kunsill Lokali Attard l-ammont imhallas *in eccess*, prevja d-dikjarazzjoni li tali eccess thallas indebitament.

Rigward dina t-talba l-konvenuti Fenech irrispondew li l-kont li huma kienu baghtu lill-atturi kien thallas minnhom u ccertifikat ragjonevoli mill-perit taghhom.

Illi mill-provi prodotti pero' jirrizulta li l-*item* in kwistjoni cioe' il Lm338.10 mitluba (ara fol. 23 u 60) mill-konvenuti Fenech lill-atturi ma kienx dovut ghax il-*pipes* kienu pprovvdewhom il-konvenuti Maltacom, ghalhekk dana l-ammont ghandu jigi rifus lill-atturi mill-konvenuti Fenech.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi;

1. tillikwida l-valur tax-xogholijiet li gew ezegwiti mis-socjeta' konvenuta Francesco Fenech Ltd gewwa Triq Nutar Zarb Attard, fl-interess tas-socjeta' konvenuta Maltacom p.l.c. fl-ammont ta' Lm2,394.50;

2. tikkundanna lil Maltacom p.l.c thallas lill-Kunsill Lokali Attard is-somma hekk likwidata;
3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Francesco Fenech tirrifondi lill-Kunsill Lokali Attard l-ammont ta' Lm338.10 imhallas *in eccess*.

Bl-imghax, u bl-ispejjez kwantu ghall 8/9 ghall-konvenuti Maltacom u 1/9 ghall-konvenuti Fenech.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**